Conrad D'Amato

## Għaqda Storja u Kultura

# Periti, bennejja u skulturi li ħadmu fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa

*"Meta wieħed iħares lejn knisja, jista jilmaħ il-kapaċità tal-ġens Malti u Għawdxi, li tul is-snin tħalliet f'tifkiriet sbieħ li llum iżejnu l-qalba tal-irħula tagħna."*

Il-bini tal-knisja parrokkjali ta' kull raħal hija storja li tirrifletti l-ħiliet artistiċi u s-snajja tal-poplu Malti. Meta wieħed iħares lejn knisja, jista jilmaħ il-kapaċità tal-ġens Malti u Għawdxi, li tul is-snin tħalliet f'tifkiriet sbieħ li llum iżejnu l-qalba tal-irħula tagħna. Dawn it-teżori għaddew minn tibdil kbir, l-aktar dawk antiki, li esperjenzaw iż-żmien li baqa' magħruf bħala r-Rinaxximent. Sfortunatament uħud minn dawn il-knejjes tilfu diversi opri artistiċi fl-istruttura tagħhom minħabba li kienu meqjusa wisq nobbli għad-dar t'Alla, u hawn wieħed jista jiftaħ argument sħiħ f'dan ir-rigward. Waqt li kont qed naqra artiklu li kont ktibt fil-programm tal-parroċċa tal-2001 f'għeluq il-75 sena mit-teqgħid tal-ewwel ġebla tal-knisja, sibt lista li kont għamilt ta' periti, benejja u skulturi li ħadu sehem fil-proġett tal-bini tal-knisja parrokkjali bejn l-1926 u l-1951.

Tajjeb nibda billi nsemmi li dan il-proġett hekk kbir għall-poplu ta' Birżebbuġa sar kollu kemm hu tul il-parrokat tal-Kappillan Dun Anġ Fenech. Għalkemm il-ħsieb li tinbena knisja ġdida kien ilu jissemma fost il-parruċċani, pero' kien dan il-kappillan minn Hal Lija li hekk kif ħa l-mandat bħala t-tieni kappillan tal-parroċċa, daħħala f'rasu li jibni knisja u ma kienx kuntent qabel ra lesta! Infatti dan il-Kappillan jibqa' magħruf mhux biss għall-fatt li fi żmienu nbniet il-knisja, imma anke għall-fatt li l-parrokkat tiegħu kien l-itwal wieħed li qatt kellha l-parroċċa. Infatti huwa dam 28 sena sħaħ, bejn l-1924 u l-1952.

Il-pjanta tal-knisja saret mill-Perit Godwin Herbert Galizia, li tagħha tħallas is-somma ta' tletin Lira Sterlina. Din il-pjanta fuq stil Sikolu Normann tagħat bidu għall-bini tal-knisja li l-ewwel ġebla tagħha ġiet imqiegħda sollenament mil-Isqof Mauro Caruana nhar id-29 ta' Awwissu tal-1926. L-ewwel fażi tal-bini tal-knisja tmexxiet mil-Perit Giuseppe Terreni, li ta' dan ix-xogħol tħallas is-somma globali ta' mitt Lira Sterlina. Perit ieħor li ħa sehem fil-bini tal-knisja kien il-Perit Profs. Giuseppe Colombo li dan


Il-Bennej Ġużeppi Galea (tas-Sanità)


Il-Kappillan Dun Anġlu Fenech


Il-Perit Giuseppe Terreni



*Il-Knisja għadha qed tinbena*

ħa ħsieb ix-xogħol fuq is-saqaf il-kbir tal-korsijja u x-xogħol fuq il-faċċata tal-knisja, li ta' dan ix-xogħol kien tħallas is-somma globali ta' sittin Lira Sterlina.

Meta niġu biex nitkellmu fuq il-kuntratturi li bnew il-knisja nsibu li prinċiparjament dawn kienu tlieta. L-ewwel bennej kien l-imgħallem Indri Vassallo (taż-Żlejku) minn Ħal Luqa. Ftit wara daħal kuntrattur ieħor jaħdem miegħu li kien Gużeppi Galea (tas-Sanità) minn Bengħajsa. Dan Gużeppi kien jiġi missier Anġlu Galea, kuntrattur ieħor li baqa' magħruf bħala s-Sur Anġ. Ġara però li kien inqala' xi nuqqas ta' qbil bejn dawn iż-żewġ bennejja u l-Kappillan Dun Anġ Fenech fuq l-istil tal-Knisja. Għalhekk ix-xogħol tkompla mill-imgħallem Karmnu Żerafa (ta' Patalajtu) minn Birżebbuġa. Ix-xogħol fuq is-saqaf tal-knisja kien sar mil-imagħllem Salvatore Falzon filwaqt li x-xogħol fuq il-kampnar tmexxa mil-imgħallem Carmnelo Sapiano li bena dan il-kampnar bil-periklu kollu li kien joffri l-għoli tiegħu. Nistgħu ngħidu li dan il-bennej ġab fi tmiemu l-proġett tal-bini tal-knisja li dam għadejj għal 25 sena sħaħ, għajr l-erba' snin ta' interruzjoni li kien hemm minħabba it-Tieni Gwerra Dinjija.



*L-Imgħallem Karmnu Zerafa*



*Knisja mibnija*



*Knisja qiegħda tinbena*

Tul il-25 sena li dam għadejj dan il-proġett, kienu diversi l-iskulturi li taw is-sehem tagħhom. Fost dawn insibu lill-iskultur Vincenzo Baldacchino li għamel ix-xogħol tal-iskultura fuq l-artal tar-Rużarju. L-iskultur Marco Montebello ħadem ir-rużuni tal-ġebel li naraw mas-soqfa, u anke xi xogħol ta' gwarniċi li nsibu ġewwa l-knisja. Ta' min jgħid li dan l-iskultur jiġi missier l-iskultur Tarcisio Montebello li ftit snin ilu skolpa



*Mix-xellug għal-lemin: il-bennejja Ġużeppi Galea (tas-Sanità), Giuseppi Zerafa (il-Patalajtu) u Indri Vassallo (is-Slejgu)*

il-kapitelli tal-kolonni tal-knisja. L-iskultur Giovanni Bonniċi kien ħadem it-tliet kapitelli l-antiki li kienu saru fl-1935 u li f'dak iż-żmien kienu swew is-somma ta' 16 -il Lira Sterlina! L-iskulturi Luigi Formosa u Carmelo Curmi kienu għamlu xi xogħol ta' skultura fuq l-artali tar-Rużarju u tal-Kurċifiss. Skulturi oħra li kienu taw sehemhom f'dan il-proġett kienu C. Cefai u A Agius.

Wara li ntemm dan il-proġett, ix-xogħol fuq il-knisja ma nistgħux ngħidu li waqaf anzi din il-knisja kompliet tiġi żviluppata u msebbħa b'diversi alterazzjonijiet u xogħol ieħor artistiku li llum iżejjinha. Nistgħu ngħidu li l-kappillani kollha li servew wara il-Kappillan Dun Anġ Fenech għamlu xi xogħol ta' żvilupp jew manutenzjoni fil-binja tal-knisja parrokkjali li bla dubju ta' xejn żgur li hi meqjusa bħala l-iktar binja mportanti u ċentrali tar-raħal tagħna.

Ritratti: Grazzi għal Turu Grima


Is-Sidien tal-**BANKA TAL-LOTTU Nru 192**
tas-SOĊJETÀ FILARMONIKA SAN PIETRU
BIRŻEBBUĠA A.D. 1990
li tinsab f'26, Triq San Filippu, Birżebbuġa
jixtiequ lill-klijenti kollha u lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa
**IL-FESTA T-TAJBA**

